MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2012

Numru. 911/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**(Spettur Sylvana Briffa)**

**vs**

**DOMENIC FAVA**
**OMISSIS**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **DOMENIC FAVA** ta’ erbghin (40) sena, bin Emanuel u Emanuela nee’ Vidal, imwieled Pieta fit-30 ta’ Settembru 1971, m’ghandux indirizz fiss u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-Numru 429371M u **terz** tressqu quddiemha u gie akkuzat talli nhar it-30 t’ Awwissu 2012, bejn l-erbgha ta’ wara nofsinhar (1600hrs) u s-sitta u nofs ta’ filghaxija (1830hrs) gewwa Haz Zabbar:

1. Ikkommetta serq ta' *safe* kontenenti fi flus kontanti u laptop minn gewwa residenza 26, TwanCarm, Flat 1, Triq il-Qoton, Haz Zabbar liema serq huwa kwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi l-ammont ta' €2,329.37 u bil-Lok ghad-detriment ta' Carmel u Dorota Beata Spalding u / jew persuna jew persuni ohra;

2. u b'hekk renda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba tordna l-konfiska u d-distruzzjoni ta' vettura DAR194 ta' l-ghamla Mitsubishi.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundana lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni talbet li dan il-każ jiġi investigat skond il-liġi, u li din l-Onorabbli Qorti tordna lill-imputat jiddepozita il-Karta ta' l-identita' kif ukoll il-passaport tieghu f'dawn l-atti u dan fid-dawl ta' l-izvilupp tas-shubija ta' pajjizna fiz-zona Schengen ai termini ta' l-artikoli 6A(b) ta' l-Att dwar il-Karta ta' l-identita', Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioe' att mill-estratt tat-twelid tal-imputat, fedina penali ta' l-imputat, stqarrija li giet immarkata bhala Dokument CSH 5 u okkorrenza immarkata bhala Dokument CSH6.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilu t-tnejn (2) ta' Settembru 2012, u

cioe' fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-Artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u darb'ohra quddiem l-Avukat difensur tieghu Dr Patrick Valentino seduta stante fis-sebgha (7) ta' Settembru 2012.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti semghet dak verbalizzat mill-Prosekuzzjoni u cioe' li l-imputat DOMENIC FAVA ikkoopera bi shih maghha tul din l-investigazzjoni u inoltre li parti kbira tar-resfurtiva giet ritornata lil sidha.

Minn naha l-ohra pero' nnotat illi l-imputat huwa recidiv u diga' instab hati tmien (8) darbiet fuq akkuzi simili ta' serq, hsara volontarja, ricettazzjoni, ksur ta' l-ordinanza tat-traffiku, u ta' pussess ta' drogi.

Jidher ghalhekk illi l-imputat ghandu wkoll problema ta' droga u din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox sabiex tassisti nies mahkuma mid-droga sabiex jindirizzaw tali problema.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti thoss li piena karcerarja hija dik idonea.

**Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli Artikoli 23B, 49, 50 261(b)(c)(e), 263, 265, 267, 269(g), 278(3), 279(b), 280(2), 281(a) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi li issib lill-imputat DOMENIC FAVA hati tal-akkuzi kif addebitati fil-**

**konfront tieghu u tikkundannah piena karcerarja effettiva ta' sentejn.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-konfiska u distruzzjoni tal-vettura DAR-194 tal-ghamla Mitsubishi, l-Qorti rat li din il-vettura ma gietx esebita fl-atti u konsegwentement tichad it-tali talba stante li m'ghandhiex gurisdizzjoni fuqha.**

**Dwar it-talba illi l-imputat jigi kkundannat ihallas spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti fl-atti ma jirrizultax x'inhuma dawn l-ispejjez u x'hatriet kien hemm, jekk kien hemm, u ghaldaqstant tichad it-tali talba.**

**Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza u l-atti tal-process jintbghatu lill-Avukat Generali ai termini ta' l-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------